MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 43/2011/1

**Ir-Repubblika ta' Malta**
***v.***
**Martin Dimech**

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali u appell ieħor ta' Martin Dimech minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha ["l-Ewwel Qorti"] fl-10 ta' Jannar 2012 fuq referenza magħmula lilha mill-Qorti Kriminali dwar jekk inkisirx il-jedd għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] meta Martin Dimech għamel stqarrija waqt li

kien arrestat u miżmum mill-pulizija bla ma kellu jedd għal għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni.

2. L-Ewwel Qorti wieġbet għar-referenza billi qalet illi sabet ksur tal-jeddijiet ta' Martin Dimech mħarsa taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni iżda ma sabet ebda ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni. Ordnat illi jitkompla s-smigħ quddiem il-Qorti Kriminali b'dan illi "tħalli f'idejn il-Qorti Kriminali … biex tevalwa din iċ-ċirkostanza hi u tiżen il-provi mressqa quddiemha dwar l-akkużi … tenut in konsiderazzjoni dak li ġie mqiegħed bħala prova, deliberat u ġie deċiż f'din is-sentenza".

3. L-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Bħala fatt jirriżulta illi Martin Dimech irrilaxxja *statement* lill-Pulizija fit-2 ta' Mejju 2009 waqt li kien qed jiġi interrogat u qabel ma ġie akkużat (*fol*. 87 tal-proċess) meta ma kellux il-benefiċċju ta' assistenza legali waqt l-għoti tal-i*statement*. *Del resto* tali dritt għal assistenza legali waqt l-arrest taħt ċerti kondizzjonijiet daħal fis-seħħ fil-Liġijiet ta' Malta fl-10 ta' Frar 2010 għalkemm l-artikoli relevanti tal-Kodiċi Kriminali *cioè* artikoli 355AU u 355AT kien ilu mill-2002 li ġie introdott.

"Jirriżulta però mill-atti proċesswali illi qabel l-għoti tal-i*statement* in kwistjoni Martin Dimech ġie mogħti s-segwenti twissija *cioè* 'm'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova'. *Inoltre* wara li saret l-istqarrija Martin Dimech qabel iffirmaha tniżżlu l-kliem 'Din l-istqarrija għamiltha volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi. Hija l-verità u wara li qrajtha jiena stess, nistqarr li ma rrid inżid jew innaqqas jew inbiddel xejn minnha u nagħżel li niffirma'.

"Fl-ebda stadju ta' ebda proċedura quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem din il-qorti ma sar xi lment dwar il-volontarjetà tal-istqarrija.

"Anzi Martin Dimech fix-xhieda li ta quddiem din il-qorti stqarr illi hu kien ġie interrogat f'okkażjonijiet oħra fuq kwistjonijiet differenti u ma rrilaxxax stqarrijiet għax għażel li jagħmel hekk però f'din l-istanza hu deherlu li għandu jirrilaxxja l-istqarrijiet konxju tal-portata tat-twissijiet li sarulu qabel irrilaxxahom. Hu għamel dan liberament.

“L-Avukat Ġenerali f’dan il-każ qed jirrispondi għal dan l-ilment billi fl-ewwel lok jinsisti li ma hemm ebda dritt fundamentali għal assistenza legali iżda dritt għal smigħ xieraq meta persuna tkun akkużata b’reat kriminali, u li nuqqas ta’ assistenza legali waqt l-interrogazzjoni kienet biss suxxettibbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem jekk smigħ xieraq seta’ jiġi preġudikat waqt il-proċeduri kriminali. Għalhekk id-dritt ta’ smigħ xieraq irid jiġi evalwat fit-totalità tal-proċedura meħuda.

“*Inoltre* l-istess Avukat Ġenerali jirrileva illi l-istqarrija saret volontarjament u l-validità tagħha fl-ebda ħin ma ġiet attakata ħlief b’dawn il-proċeduri, *cioè* sentejn wara li ngħatat. L-istess stqarrija mhix l-unika prova kontra l-akkużat iżda hemm provi oħra ta’ importanza li jridu jiġu kunsidrati sabiex jigi deċiż jekk l-istqarrija ta’ Martin Dimech kinitx lesiva tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

“Il-qorti tqis li dak li għandu jiġi deċiż minn din il-qorti għax hekk qed jiġi mitlub għall-aħjar struzzjoni tal-proċeduri kriminali kontra Martin Dimech quddiem il-Qorti Kriminali kien jekk l-istqarrija ta’ Martin Dimech meħuda bla assistenza legali hix lesiva tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq skond l-artikolu 6(3)(c) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Billi din hi referenza kostituzzjoni din il-qorti ma tistax tmur *oltre* minn dak mitlub minnha.

“In kwantu għall-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni l-qorti fil-kawża Ir-Repubblika ta’ Malta *vs* Migneco deċiża fil-15 ta’ Novembru 2011 waslet għall-konklużjoni li dan l-artikolu japplika biss meta persuna tkun akkużata b’reat u mhux qabel. … … …

“Din il-qorti ħadet konjizzjoni tad-deċizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawżi Il-Pulizija *vs* Mark Lombardi deċiża 12 ta’ April 2011, Il-Pulizja *vs* Esron Pulliċino deċiża wkoll fit-12 ta’ April 2011 u Il-Pulizija *vs* Alvin Privitera deċiża fil-11 ta’ April 2011. Dawn il-kawżi kienu kollha jitrattaw in prinċipju l-istess ilment imressaq quddiem din il-qorti.

“Jidher li b’dawn it-tliet sentenzi ġie stabbilit bla ebda ombra ta’ dubju d-dritt għall-assistenza legali anke fil-fażi qabel persuna tkun akkużata formalment *cioè* anke waqt il-fażi li persuna tkun tinsab arrestata qabel tiġi akkużata. Dan id-dritt hu limitat bl-eċċezzjonijiet li jagħti l-istess

Kodiċi Kriminali u f'sitwazzjonijiet ta' neċessità impellanti biss. Dan id-dritt japplika kemm qabel u wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi fil-Kodiċi Kriminali u kemm jekk l-arrestat ikun jew ma jkunx talab l-assistenza legali sakemm ma jkunx irrinunzja għaliha b'mod volontarju.
"Dan id-dritt hu wieħed li ma jsibx eċċezzjoni kemm għall-età, maturità, u fedina penali mtabba' tal-arrestat, u anqas in-natura tal-akkużi li eventwalment jingiebu kontrih.
"… … …
"Jirrizulta lil din il-qorti fil-każ preżenti illi r-rikorrenti irrilaxxja stqarrija waħda li fiha għamel kemm ammissjonijiet u ċaħdiet. Aparti din l-istqarrija l-prosekuzzjoni ressqet provi oħra biex tissostanzja l-akkużi mressqa fil-konfront tar-rikorrenti.
»Meta l-qorti qieset illi l-istqarrija saret mingħajr ma l-akkużat kien assistit minn avukat jirriżulta li d-dritt tiegħu għal assistenza legali ġie miksur u dan a tenur tal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja.
"… … …
"Kif qalet pero l-qorti fil-kawża <u>Il-Pulizija *vs* Pawlu Grech</u> (referenza kost. 25/2011 deċiża 3 ta' Novembru 2011) la darba stqarrija titieħed mingħajr ma l-persuna mistħarrġa jkollha jedd tikkonsulta ma' avukat titqies ksur tal-artikolu 6, ma jfissirx li l-istess proċediment irid jitwaqqaf jew li t-tqegħid tal-istqarrija fl-atti tal-kawża jtabba' l-proċess kollu.
»L-istess qorti però fil-kawża fuq imsemmija żiedet hekk:
""Illi hija l-fehma ta' din il-qorti li, meta titressaq bħala prova quddiem qorti ta' ġudikatura kriminali stqarrija magħmula mill-persuna mixlija li tkun saret bi ksur tal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni, dik il-qorti għandha s-setgħa u d-dmir li tqis dwar l-ammissibilità ta' stqarrija bħal dik jew jekk għandhiex tibqa' tagħmel parti mill-inkartament li jkollha quddiemha u tislet l-effetti u r-riperkussjonijiet li dan jista' jkollu f'każ li dik tkun il-prova waħdanija li tressaq il-prosekuzzjoni fil-każ tagħha."
"Fl-istess sens ipprovdiet <u>Il-Pulizija *vs* Esron Pullicino</u> (12.04.2011 Kost.)
"Il-provi f'din il-kawża juru illi l-imputat ma kellux l-opportunità li jkellem avukat qabel għamel l-istqarrija jew f'xi waqt li kien mizmum fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Għalkemm kien hemm liġi li tagħti jedd lill-imputat għall-

assistenza legali f'dawn iċ-ċirkostanzi, din ma kinitx għadha *in vigore* u għalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal sar ksur tal-jedd fundamentali tal-imputat *ai termini* tal-artikolu 6(1) tal-Kap. 319.

"Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li saret mill-abbli difensur tar-Repubblika ta' Malta li l-voluntarjetà tal-istqarrija kienet timplika rinunzja da parti ta' Martin Dimech tad-dritt għal assistenza legali ma għandhiex finalment [*recte* fundament] fil-liġi billi fiż-żmien li Martin Dimech għamel l-istqarrija ma kienx hemm jedd fil-liġi għal assistenza legali waqt interrogatorju u kwindi Martin Dimech ma setax jirrinunzja għal dritt li qatt ma kellu.

"Mill-banda l-ohra kif ġà intqal il-qorti adita mill-każ kriminali għandha tevalwa hi l-portata ta' tali stqarrija jew stqarrijiet tenut in konsiderazzjoni mhux biss il-każ kriminali fih innifsu iżda anke, bħal f'dan il-każ, dak li jkun inġieb bi prova dwar l-imsemmija stqarrija quddiem din il-qorti u l-fattispeċie tal-każ partikolari.

"In kwantu għas-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali u l-prosekuzzjoni, din il-qorti ma tistax tqis il-*caution* qabel l-għoti tal-i*statement* u l-volontarjetà tal-i*statement* magħmul bħala rimedju għal ksur tal-jedd fundamentali meta jibqa' indeċiż dak li kien jagħmel l-akkużat kieku kellu avukat jagħtih parir jirrilaxxax *statement* jew le.

"Lanqas tista' din il-qorti ma tistħarriġx l-ilment għax il-proċeduri kriminali għadhom mhux mitmuma jew għax saret fl-istadju li saret. Wara kollox dik li qed jiġi mistħarreġ hu jekk il-fatt li l-imputat ta stqarrija lill-Pulizija bla ma kellu assitenza legali hi lesiva tad-dritt tiegħu taħt l-artikolu 6(3)(c) u mhix jekk hemmx ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas tal-proċess meħud kontrieh. Il-kwistjoni miġjuba quddiemha meħuda f'din il-perspettiva ristretta tista' u għandha tiġi riżolta minn din il-qorti fl-istadju li tiġi mitluba jekk ikun il-każ."

4. L-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza b'rikors tal-20 ta' Jannar 2012, u appella wkoll Martin Dimech b'rikors tal-25 ta' Jannar 2012. Billi l-appell ta' Martin Dimech jolqot biss ir-rimedju – għax qiegħed igħid illi r-rimedju mogħti mill-ewwel qorti ma huwiex rimedju effikaċi u għalhekk għandu jingħata rimedju aktar effettiv, *inter alia* billi titneħħa l-istqarrija mill-inkartament tal-proċess kriminali – huwa aktar xieraq illi l-qorti tibda billi

tqis l-appell tal-Avukat Ġenerali għax, jekk dan jintlaqa', il-kwistjoni dwar ir-rimedju ma tibqax aktar relevanti.

5. L-aggravju tal-Avukat Ġenerali għalkemm indikat bħala aggravju uniku huwa fil-fatt maqsum hekk:

6. "ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali iżda jesisti biss dritt fundamentali ta' smigħ xieraq meta bniedem ikun akkużat b'reat kriminali";

7. "id-dritt ta' smigħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċedura u mhux fir-rigward ta' mumenti minnha";

8. "fl-ebda waqt tal-proċeduri kriminali ma ġiet attakkata l-validità jew il-volontarjetà tal-istqarrija da parti tar-rikorrent iżda kien biss wara sentejn mir-rilaxx ta' tali stqarrija … li ġiet attakkata l-istqarrija";

9. "ir-rikorrent fl-ebda waqt ma talab għall-assistenza legali";

10. "minn imkien ma jirriżulta illi r-rikorrent ġie b'xi mod imġiegħel jagħti l-istqarrija li ta. Mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti ngħata t-twissija skond il-liġi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontra tiegħu. Ir-rikorrenti wara illi ngħata tali twissija għażel li jwieġeb ċertu domandi filwaqt li ma weġibx oħrajn u dan kollu juri illi l-istess rikorrent kien qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanza li kien jinsab fiha"; u

11. "l-Ewwel Qorti … applikat … id-deċiżjoni [mogħtija mill-Qorti Ewropeja fil-każ <u>Salduz *v.* it-Turkija</u>] għall-każ odjern u dan mingħajr ma tat id-dovuta konsiderazzjoni għall-fatt illi l-fatti ta' dik il-kawża kienu partikolari u ma jistgħux jiġu interposti [*sic*] għall-*fattispecie* tal-każ odjern iżda l-analiżi li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti kienet *on a case by case basis*".

12. Martin Dimech wieġeb għal dawn l-aggravji fit-2 ta' Frar 2012 u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell tal-Avukat Ġenerali għandu jiġi miċħud.

13. Din il-qorti tibda biex tgħid illi l-jedd ta' għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalità li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta' difiża lill-akkużat, iżda jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-persuna interrogata tkun ingħatat b'għażla ħielsa, b'għarfien tal-jedd li tibqa'

siekta, u bla theddid, wegħdiet, vjolenza jew b'xi mod ieħor abużivament. Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mingħajr garanziji ta' leġittimità u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk din il-qorti ma tistax taqbel mal-ewwel qorti illi l-fatt biss illi Martin Dimech "irrilaxxja stqarrija waħda li fiha għamel kemm ammissjonijiet u ċaħdiet" u illi "l-istqarrija saret mingħajr ma l-akkużat kien assistit minn avukat" iwassal *ipso facto* għal ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni.

14. Din il-qorti ġà kellha okkażjoni illi tgħid illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq[1], iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, fosthom ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilità tal-persuna interrogata, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex ma jitqiesx li l-istqarrija ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

15. Lanqas ma taqbel din il-qorti illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jagħti jedd għal għajnuna legali "li ma jsibx eċċezzjoni kemm għall-età, maturità, u fedina penali mtabba' tal-arrestat, u anqas in-natura tal-akkużi li eventwalment jingiebu kontrih". Interpretazzjoni korretta tas-sentenza ta' Salduz trid bilfors tqis ukoll iċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ, partikolarment illi Salduz kien f'sitwazzjoni ta' vulnerabilità meta għamel l-istqarrija. Kif ġà ingħad fuq, dan huwa l-kuntest proprju u leġittimu ta' dan il-jedd: ma jingħatax biex min hu ħati jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu minħabba xi formalità nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali. Salduz kellu biss sbatax-il sena meta ġie arrestat u interrogat mill-pulizija mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta' avukat u ammetta li kien ħa sehem f'attività politika illegali. Meta, jumejn wara, reġa' ġie interrogat mill-maġistrat inkwirenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt theddid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija.

16. L-istess kondizzjonijiet eċċezzjonali u estremi kienu preżenti wkoll f'każijiet oħra fejn il-Qorti Ewropeja sabet

1 Ara Charles Stephen Muscat *v.* Avukat Ġenerali, Q. Kost. 8 ta' Ottubru 2012, rik. 75/2012; Joseph Bugeja *v.* Avukat Ġenerali, Q. Kost 14 ta' Jannar 2013, rik. 70/2011.

ksur minħabba n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat. Fil-każ ta' Panovits *v.* Ċipru[2] l-investigat kien minorenni meta kien interrogat. Barra minn hekk, minħabba l-imġieba ħażina tal-avukat tiegħu – li l-qorti kellha tikkundannah għal disprezz *in faciem curiæ* – inħoloq suspett ta' nuqqas ta' imparzjalità fil-ġudikanti u għalhekk il-proċess meħud kollu kemm hu ma tax il-garanziji meħtieġa biex ikun megħlub kull preġudizzju li seta' nħoloq minħabba t-teħid ta' stqarrija mingħand minorenni. Każ ieħor fejn instab ksur kien dak ta' Płonka *v.* Il-Polonja[3], fejn l-istqarrija ttieħdet mingħand mara li kienet fi stat ta' vulnerabilità minħabba alkoħoliżmu.

17. Ukoll fil-każijiet li fihom il-Qorti Kostituzzjonali sabet ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq kien hemm ċirkostanzi speċjali ta' vulnerabilità tal-persuna interrogata. Hekk, fil-każ ta' Il-Pulizija *v.* Esron Pullicino[4], il-persuna interrogata kienet għadha minorenni, u fil-każ ta' Il-Pulizija *v.* Alvin Privitera[5] il-persuna interrogata kienet ilha biss erba' xhur li għalqet it-tmintax-il sena.

18. Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropeja wkoll, fl-istess każ ta' Salduz, osservat illi l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f'hekk, il-ġustizza tal-proċess tkun kompromessa:

»Article 6 – especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial *if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced* by an initial failure to comply with its provisions.[6]«

19. X'aktarx illi din kienet ir-raġuni għala l-Qorti Ewropeja fl-istess każ ta' Salduz ġustament ma adottatx l-opinjoni separata tal-Imħallef Bratza meta ried illi "*the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be*

---

2 Q.E.D.B. 11 ta' Diċembru 2008, rikors 4268/04.

3 Q.E.D.B. 31 ta' Marzu 2009, rikors 30310/02.

4 Q. Kost. 12 ta' April 2011, rik. 63/2009.

5 Q. Kost. 11 ta' April 2011, rik. 20/2009.

6 Salduz *v.* it-Turkija, para. 50 (enfasi miżjud).

*granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention*".

20. Fil-każ tallum Martin Dimech ma allegax illi ġie msawwat jew mhedded jew imqarraq biex għamel l-istqarrija jew kien ibati minn xi vulnerabilità partikolari xort'oħra meta għamel dik l-istqarrija. Il-preżenza ta' avukat hija garanzija li ma jsirux abbużi bħal dawn, iżda l-attur ma allegax li dan seħħ fil-każ tiegħu. Anzi, stqarr illi, waqt l-interrogazzjoni, "ma kellix *pressure*"[7]. Il-fatt illi ma sarux dawn l-allegazjonijiet, lanqas quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, juri illi, minkejja n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, ma kien hemm xejn illeċitu jew abbużiv fit-teħid tal-istqarrija. Għalhekk huwa nieqes dak l-element ta' vulnerabilità biex, bħal fil-każ ta' Salduz u każijiet oħra bħalu, jinstab illi hemm ksur ta' drittijiet fondamentali.

21. Fil-fehma ta' din il-qorti għalhekk ma ntweriex illi Martin Dimech ġarrab xi preġudizzju bil-fatt illi ma kellux għajnuna ta' avukat meta ta l-istqarrija b'mod illi hemm xi perikolu oġġettiv illi minħabba f'hekk ma huwiex sejjer jingħata smigħ xieraq b'ħarsien ta' dak li jrid l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

22. L-appell tal-Avukat Ġenerali għalhekk għandu jintlaqa'.

23. Ladarba ma hemmx ksur ta' drittijiet ta' Martin Dimech, ma hemm ebda ħtieġa ta' rimedju u għalhekk ma huwiex il-każ illi l-qorti tqis l-appell ta' Dimech li huwa dwar ir-rimedju mogħti mill-ewwel qorti.

24. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell ta' Martin Dimech u tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali: tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx ksur tal-art. 46 tal-Kostituzzjoni u tħassarha fejn sabet ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni; u twieġeb għar-referenza billi tgħid illi ma hemm ebda ksur tal-jedd fondamentali ta' Martin Dimech bit-teħid tal-istqarrija li dwarha saret ir-referenza, u bl-użu tagħha fi proċeduri ġudizzjarji.

25. Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Qorti Kriminali.

---

7 Xiehda ta' Martin Dimech fit-30 ta' Novembru 2011, *fol.* 621 tal-proċess tal-ewwel qorti.

26. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll ta’ dan l-appell, iħallashom Martin Dimech.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------